

# Ir-restawr tal-Knisja l-Qadima ta' San Bastjan f'Ħal Qormi

Żgur li matul din is-sena kulħadd innota l-armar li hemm mal-faċċata tal-knisja ż-żgħira fil-Parroċċa tagħna. Żgur li wara x-xogħol ta' restawr li sar fuq ġewwa, kulħadd kien qed jistenna b'ħerqa r-restawr ta' barra sabiex ir-rikkezza arkitettonika li hemm f'din il-knisja, terġa' tieħu l-ħajja. F'Marzu li għadda beda xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tagħha u nistgħu ngħidu li dan ix-xogħol miexi b'ritmu tajjeb.

Meta s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kultura u Kunsilli Lokali, Josè Herrera, għamel żjara fejn qed isir ir-restawr faħħar ix-xogħol li qed isir u li qed jitmexxa mill-Perit Hermann Bonnici.

Il-Perit Hermann Bonnici qal li l-faċċati tal-knisja kellhom diversi ħsarat li fil-parti kbira tagħhom ġew ikkawżati minn dħaħen kif ukoll minn elementi naturali. Is-swidija li hemm taħt il-gwarniċi u l-gwarniċuni hija fil-parti l-kbira kkawżata mill-ossidu sulforiku li jkun ikkawżat minn dħaħen tal-vetturi.

Żied ukoll li dan ir-restawr huwa delikat ħafna fejn qegħdin jintużaw mezzi u materjal li jiggarantixxi li ma ssirx ħsara lill-bini.

Din il-knisja qed tintuża għall-adorazzjoni u meta jkun hemm xi talba biex isir xi żwieġ fiha. Bla dubju ta' xejn, bħala Għaqda tal-Armar nawguraw kull suċċess fil-ħidma li qed issir fuq dan il-ġojjell patrimonjali.

(Sors inews / ritratti Errol Farrugia u John Pisani)



